Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 38**

**Data:** Il-Ħamis, 27 ta' ~~Marzu~~ Frar 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**38.1 Ittri ta' apoloġiji**

38.1.1 Il-President semma li s-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Charles Bonello talbu li jkunu skużati.

38.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu bħala skużati.

**38.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 37**

38.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

38.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**38.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 39**

38.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Sandro Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Jannar 2025 u s-27 ta' Frar 2025 li kienet tammonta għal €56,765.97.

**38.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 37**

| | |
|---|---|
| **38.4.1 INDIS** | Il-President semma li l-ftehim mal-INDIS kien issa ġie iffirmat b' perjodu ta' kera itwal kif ukoll bl-użu tal-komun tal-parti ta' wara tal-binja. |
| **38.4.2 ALL Digital Summit** | Il-President semma li kienet qed issir laqgħa kull ħmistax mal-Kumitatt b' rappreżentanti minn network sabiex ikun stabbilit il-loġistika kif ukoll anki jibdew jaħdmu fuq il-kontenut tas-summit. |
| **38.4.3 CEMR – Kungress 2026** | Il-President semma li s-sitwazzjoni għadha l-istess kif ikkomunikata fil-laqgħa preċidenti. Semma li talab laqgħa mal-management ta' CEMR sabiex jiddiskuti aktar fid-dettal. Kien hemm qbil li l-Assoċjazzjoni ma tiffinanzjax spejjeż amministrattivi ta' CEMR sabiex jittella' dan il-kungress. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**38.4.4 Dokumenti Viżjoni AKL**

Il-President fakkar li nhar l-10 ta' Marzu ser ikun hemm t-tnedija tal-publikazzjoni Last Mile Transportation. Semma li ser ikun hemm ukoll l-istampar tal- ħames pubblikazzjonijiet f' daqqa fi ktieb wieħed.

**38.4.5 Collection Points**

Il-President semma li tkomplew il-laqgħat mal-Kunsilli/ Reġjuni interessati li jimplimentaw dan il-proġett pilota. Semma li qed issir reviżjoni tal-BoQ tas-sejħa. Semma wkoll li saru laqgħat mal-iskemi GreenPak u GreenMT fejn jidher li hemm qbil ma' dan il-proġett. Semma li għad fadal issir laqgħa mal-ERA.

**38.4.6 Tnaqqis ta' Allokazzjoni mill-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni rċiviet diversi lmenti minn diversi Sindki u Kunsilli Lokali li kien hemm tnaqqis tal-allokazzjoni li suppost kien jirrifletti l-ispiża attwali ta' tipping fees imma jidher li tnaqsu fondi aktar minn kemm kienet in-nefqa f'tipping fees li l-Kunsill kien iħallas.

**38.4.7 Postijiet Vakanti - AKL**

Il-President semma li l-postijiet vakanti kienu ser jiġu kollha pubbliċi peress li Jobsplus issa kienet ħarġet il-permessi neċessarji.

**38.4.8 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali**

Il-President fakkar li l-għada 28 ta' Frar kienet ser issir sessjoni informattiva għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali, Segretarji Eżekuttivi kif ukoll Sindki u Kunsilliera li xtaqu li jattendu. Semma wkoll li kien ser jinfetaħ email sabiex jintuża bħala Help Desk. Semma li dan ser ikun amministrat mill-AKL.

**38.4.9 MCAST EXPO**

Il-President semma li l-Assoċjzzjoni kienet għaddejja bil-preparamenti sabiex tkun tista' tipparteċipa fl-Expo tal-MCAST organizzata mill-Istitut tal-Business Administration. L-iskop huwa li nħeġġu aktar studenti jipparteċipaw u anki jaħdmu mal-Kunsilli Lokali.

**38.4.10 Laqgħat Reġjuni**

Il-President semma li tlestew tliet laqgħat mar-Reġjuni, fosthom mar-Reġjun tal-Lvant, Tramuntana u Punent. Semma li sa issa ma jidher li kien hemm l-ebda ilmenti fuq l-operat tal-AKL imma kienu diskussjonijiet intressanti ta' kif l-Assoċjazzjoni tista' tassisti lill-Kunsilli fuq realtajiet li qed jiltaqgħu magħhom ta' kuljum.

**38.4.11 Migration Policy**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tattendi għal-Laqgħa msejħa mill-Onor. Byron Camilleri wara li konna preżentajna l-proposti tagħna fuq il-konsultazzjoni tal-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Migration Policy li qed tiġi proposta.

| | |
|---|---|
| **38.4.12 ACR+** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tħallas il-membership għas-sena 2025 ma' network ACR+. |
| **38.4.13 Apprentistati MCAST** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet uriet interess li tieħu magħha aktar apprentistati. Dan peress li dawk li bħal issa kienu assenjati magħha kienu waslu biex jispiċċaw. Għaldaqstant semma li jekk ikun hemm applikanti tajbin wieħed ikun jista' jikkunsidrahom biex jibdew l-apprentistat. |
| **38.4.14 AUC – Summer Camp** | Il-President semma li d-dati kienu stabbiliti u li din is-sena t-tfal kienu ġejjin bejn 24 t' April u 2 ta' Mejju. Semma li ser inkunu qed naraw fejn nistgħu inżommuhom ġo lukanda sabiex idealment ma jkunx hemm spejjeż addizzjonali fuq l-ikel. |
| **38.4.15 Tribunali Lokali** | Il-President semma li saret laqgħa mas-Segretarji Permanenti rigward it-Tribunali fejn l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna. Semma li jidher li ser tkun imwaqqfa Awtorita' li wieħed jifhem li ser tkun taħt il-kompetenza tal-Ministru tal-Ġustizzja. Semma li dan jaf jieħu s-snin biex isir.<br>Sadanittant il-Presidenti Reġjonali talbu sabiex ikunu notifikati mill-LESA rigward ir-rimborż ta' spejjeż għas-sena 2025. Semmew li jekk ma jkunx hemm komunikazzjoni f' dan ir-rigward u anki trasferiment ta' fondi relatati ma' spejjeż għas-sena 2023 ir-Reġjuni ma jibqalhomx triq oħra ħlief li jieħdu passi drastiċi li jwaqfu l-operat ta' Tribunali Lokali. |

**38.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **38.5.1 Rillu Merillu** | Il-President semma li kien qed jitkomplu l-proġett fosthom kitba ta' mużika u lirika kif ukoll għadd ta' kotba u activity books għal-livelli differenti. |
| **38.5.2 Żjara fil-Polonja** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna Invitation for Presentation at the Conference: Priorities of the Polish Presidency of the Council of the EU in the first half of 2025. Semma li ser ikun rekordjat video clip u jintbgħat għall-konferenza peress li ma konniex ser nattendu. |
| **38.5.3 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna sabiex tattendi bħala Membri tar-Rotta tal-Feniċi ġewwa Marsala. Semma li din ser tkun fl-20, 21 u 22 ta' Marzu. Semma li ser ikun qed jiġi preparat video clip kif ukoll ser inkunu qed |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

nippjanaw kif l-Assoċjazzjoni tista' timplimenta l-ewwel proġett b' kollaborazzjoni ma' dan in-network.

**38.5.4 Passenger Lift**

Il-President semma li tqabbdu nies tekniċi biex jiktub l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa sabiex isir passenger lift fil-binja tal-Assoċjazzjoni.

**38.5.5 Komunikazzjoni mid-Diviżjoni rigward impjegat f' Kunsill Lokali**

Il-President semma li kien irċieva komunikazzjoni sabiex l-Assoċjazzjoni tara hemmx oġezzjoni li impjegat ta' Kunsill Lokali ikun qed jaħdem ġo entita' oħra fuq proġetti relatati. Il-President propona li l-Assoċjazzjoni m' għandiex la d-dritt u lanqas r-responsabilita' li tipprovdi dan it-tip ta' permess għaldaqstant, huwa obbligu tad-Dipartiment li jagħmel dan.

**38.5.6 RMIT Europe**

Il-President semma li huwa importanti li min hu interessat jew jekk hawn Reġjuni li jixtieq jinnominaw lil xi ħadd mill-impjegati tagħhom fil-Program Emerging Leaders wieħed għandu jagħmel dan minnufih għax l-Assoċjazzjoni trid tati risposta rigward il-parteċipazzjoni.

**38.5.7 Timed Parking**

Il-President semma li kien irċieva kopja ta' ittra li kienet intbagħtet lill-Kunsill Lokali tal-Birgu minn Transport Malta dan wara li l-Kunsill kien għamel tabelli li jindikaw timed parking li jidher li dawn kienu għadhom mhux approvati minn Transport Malta.
Il-President semma li filwaqt li huwa jirrispetta li dawn it-tip ta' tabelli għandhom ikunu approvati minn TM, huwa jisħaq li diversi Kunsilli flimkien mal-Assoċjazzjoni ilhom jistennew xhur twal ta' stennija sabiex jissoktaw id-diskussjonijiet fuq dan il-proġett.

**38.5.8 Komunikazzjoni minn Kunsillier – Kunsill Lokali Paola**

Il-President għamel referenza li l-Assoċjazzjoni kienet ikkupjata f' komunikazzjoni mibgħutha minn Kunsillier lill-Kunsill sabiex ikun hemm spjega ta' ċerta proġetti jew rapporti finanzjarji. Semma li l-Assoċjazzjoni tirrikonoxxi din il-komunikazzjoni imma kien qed jistenna li din titwieġeb mill-Kunsill rispettiv mingħajr il-ħtieġa ta' intervent mill-AKL.

**38.5.9 Użu tal-binja AKL**

Il-President semma li kienu imġedda wkoll il-kuntratti għall-użu tal-binja tal-AKL mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**38.5.10 SOS Malta**

Il-President semma li SOS Malta talbu sabiex ikunu parti mill-implimentazzjoni ta' programmi relatati mas-saħħa menatli li ser ikunu ofruti fuq bażi lokali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**38.5.11 Enemalta** Il-President semma li hemm laqgħa skedata mal-Enemalta sabiex ikunu diskussi ċerti ilmenti imresqa mill-Kunsilli.

**38.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-Sena 2024 awditjat.**

38.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella , l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

38.6.2 Il-President irringrazzja lil dawk kollha involuti sabiex l-awditjar beda u kien konkluż mill-aktar fis possibbli.

**38.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Management Letter u risposta għas-sena 2024**

38.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President preżentaw il-Management Letter u risposta għaliha.

38.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-risposta hekk kif preżentat.

**38.8 Komunikazzjoni mill-Membri**

38.8.1 Is-Sur Max Zammit irrimrka li jixtieq jiġbed l-attenzjoni fuq il-preokkupazzjoni tiegħu u li hija ta' preokkupazzjoni wkoll għal sindki li għaddejjin mill-problemi li gabbani li qed jingħataw meters għas-servizz tad-dawl u li dan qed iwassal sabiex dawn jispiċċaw jokkupaw il-post b' mod permanenti.
Il-President spjega li huwa kellu laqgħa mal-Enemalta u li kien ser jgħaddi dan l-ilment għall-attenzzjoni tiegħu u sabiex ikun triq 'l quddiem. Informa wkoll li kellu jkellem ukoll lill-Minisru ikkonċernat.
Is-Sur Max Zammit semma li huwa flimkien mal-avukat tal-Kunsill qed jaħdem biex tkun imfassla bye-law li tirregola ħafna minn dawn in-nuqqasijiet li l-Kunsill qed jaffaċja. Huwa offra wkoll li ladarba tkun lesta jkun jista' jaqsamha ma' Kunsilli li qed jaffaċċjaw l-istess sfidi. Kien hemm diskussjoni li tal-inqas għandu jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill fl-applikazzjoni sabiex dawn il-gabbani jġibu l-meters tad-dawl.

38.8.2 Is-Sur Max Zammit xtaq ukoll jirrimarka li l-Assoċjazzjoni għandha toħroġ komunikat sabiex l-BCRS jagħmlu użu ta' aktar ħwienet li jkunu jieħdu lura l-flixken mingħand ir-residenti. Semma li minkejja li kien ħareġ poster mill-Agenzija Circular Economy dan il-ftehim ma daħalx fis-seħħ. Is-Sur Zammit semma li l-ħwienet tal-merċa għandhom jagħtu kontribut aħjar. Semma li dan inaqqas ukoll il-piż li jkun hemm magni madwar il-lokalita' li ħafn aminnhom jikkawżaw skart mad-dawra tagħhom jew inkonvenjent għar-residenti tal-inħawi.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

Il-President semma li BCRS għandhom il-liberta' legali li jistgħu jpoġġi magni f' liema żoni jridu u li hija bonovolonta tagħhom li jikkonsultaw mal-Kunsill. Semma li wara kollox hekk għandu jkun imma kunsill ma jistax jidetta li jitneħħew magni għax bil-liġi l-BCRS tista' iżommhom fuq il-post. Semma wkoll li postijiet fejn qed jittneħħew għax kien detterminat l-periklu li jista' jinħoloq. Semma wkoll li dawn l-istanzi huma ftit.

**38.9 Aġġornament**

38.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**